PARLAMENT EWROPEW **2009 - 2014**

Dokument ta' sessjoni

A7-0343/2012

19.10.2012

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar il-Kreditu għall-Konsumatur
(2012/2037(INI))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Birgit Collin-Langen

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI...........11

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT 15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-2008/48/KE dwar il-Kreditu għall-Konsumatur
(2012/2037(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0343/2012),

A. billi l-ftuħ tas-swieq nazzjonali fis-settur ekonomiku importanti tal-kreditu għall-konsumatur, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni, l-indirizzar tal-livelli differenti tal-ħarsien tal-konsumatur, it-tneħħija ta' tgħawwiġ potenzjali tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tas-suq u t-titjib tas-suq intern huma funzjoni politika tal-UE u ta' interess għall-konsumatur u għal min jipprovdi l-kreditu.

B. billi l-armonizzazzjoni finali mmirata li hi prevista mid-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur f'ħames sottosetturi, abbażi ta' ftehimiet li joffru lill-Istati Membri marġni ta' manuvra limitata, partikolarment f'dak li jirrigwarda d-diversi forom ta' implimentazzjoni, ħolqot qafas legali Ewropew komuni għall-ħarsien tal-konsumaturi;

C. billi, madankollu, għad iridu jiġu megħluba ostakli legali u prattiċi;

D. billi, hekk kif juri l-istudju tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tad-direttiva – bħall-Artikolu 5 dwar l-informazzjoni prekuntrattwali – ma laħqux l-armonizzazzjoni maħsuba tar-regoli għall-ħarsien tal-konsumatur tal-Istati Membri minħabba differenzi fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri;

E. billi, minħabba l-iskadenza qasira u l-modifiki ġuridiċi numerużi u estensivi li kellhom isiru, mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur fil-liġi nazzjonali fiż-żmien maħsub, jew f'ċerti każijiet b'mod mhux għal kollox korrett;

F. billi l-istatistika turi li wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva, in-numru ta' krediti għall-konsumatur li saru fil-livell transkonfinali ma żdiedx, u dan jista' jiġi spjegat permezz ta' diversi fatturi, bħal-lingwa, iżda wkoll permezz tal-problemi gravi li jirrigwardaw is-settur finanzjarju u ta' nuqqas ta' informazzjoni għall-konsumatur dwar l-opportunitajiet ta' kreditu transkonfinali għall-konsumatur u d-drittjiet tal-konsumatur meta jikkonkludi tali kuntratti.

G. billi l-prattiki adegwati tal-ħarsien tal-konsumatur fis-settur tal-krediti għandhom rwol sinifikanti biex jiżguraw stabbiltà finanzjarja; billi l-volatilità tar-rata tal-kambju toħloq riskji sinifikanti għall-konsumaturi, speċjalment waqt kriżijiet finanzjarji;

H. billi s-self eċċessiv lill-konsumaturi f'munita barranija żied ir-riskju u t-telf imġarrab mill-familji;

I. billi fil-21 ta' Settembru 2011, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku adotta

rakkomandazzjoni importanti dwar is-self f'muniti barranin (ESRB/2011/1);

K. billi, skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' ċerti aspetti tad-Direttiva ,u billi, f'dan ir-rigward, hija diġà kkummissjonat studju preparatorju;

L. billi huwa partikolarment ħerqan li jkun infurmat rigward il-fażijiet differenti u r-riżultati tar-rieżami u li jkollu l-possibilità li jesprimi l-opinjoni tiegħu;

1. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, bi tħejjija għar-rieżami tagħha, diġà bdiet studju dwar l-effetti tad-Direttiva dwar is-suq intern u l-ħarsien tal-konsumatur, sabiex jiġi determinat x'impatt se jkollha fuq l-użu ta' kreditu transkonfinali, u japprezza x-xogħol notevoli li sar mill-Kummissjoni, mil-leġiżlaturi nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-kreditu;

2. Jinnota li t-titjib fis-swieq transkonfinali tal-kreditu għall-konsumaturi jipprovdi valur miżjud Ewropew billi jagħti spinta lis-suq intern; iqis li dan jista' jinkiseb, fost l-oħrajn, billi l-konsumaturi jiġu infurmati aħjar dwar l-opportunità li jakkwistaw il-kreditu għall-konsumatur fi Stati Membri oħra u dwar id-drittjiet tal-konsumaturi meta jikkonkludu tali kuntratti;

3. Jirrikonoxxi li l-volum tal-kreditu transkonfinali għall-konsumaturi jirrappreżenta inqas minn 2 % tas-suq globali tal-kreditu għall-konsumaturi u li bejn wieħed u ieħor 20 % ta' tali krediti jittieħdu online;

4. Jinnota li wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva huwa li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-informazzjoni, fejn il-funzjonament tas-suq uniku jiġi ffaċilitat ukoll fil-qasam tal-għoti ta' self u, għalhekk, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk in-numru ta' tranżazzjonijiet ta' self transkonfinali huwiex qed jiżdied;

5. Huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni prekuntrattwali, l-ispjegazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 5(6) u l-valutazzjoni tal-mertu kreditizju skont l-Artikolu 8 għandhom rwol importanti fir-rigward tat-titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur dwar ir-riskji ta' krediti f'munita barranija;

6. Jitlob, madankollu, lill-awtoritajiet ta' sorveljanza jirrikjedu lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu lill-konsumaturi bi spjegazzjonijiet personalizzati, kompluti u li jinftiehmu faċilment fir-rigward tar-riskji involuti fis-self f'munita barranija u rigward l-impatt fuq ħlasijiet bin-nifs ta' deprezzament qawwi fil-valuta legali tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat konsumatur, kif ukoll ta' żieda fir-rata tal-imgħax barrani; iqis li dawn l-ispjegazzjonijiet għandhom jiġu provduti qabel ma jkun iffirmat kwalunkwe kuntratt.

7. Jinnota t-tħassib li tqajjem f'xi Stati Membri dwar il-mod kif l-informazzjoni prekuntrattwali tiġi ppreżentata lill-konsumaturi fil-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur (SECCI) u li hija ta' natura tant teknika li taffettwa l-kapaċità tal-konsumaturi li jifmuha b'mod effikaċi; iqis li l-effikaċja tal-formola SECCI għandha tkun aspett importanti fil-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva mwettqa mill-Kummissjoni;

8. Jilqa' l-operazzjoni "SWEEP" li tmexxiet mill-Kummissjoni f'Settembru 2011, li fiha rriżulta li 70 % tas-siti tal-internet tal-istituzzjonijiet finanzjarji li ġew ikkontrollati kienu nieqsa minn informazzjoni importanti f'reklamar, u minn ċerti affarijiet fl-informazzjoni ewlenija fl-offerta ta' kreditu innifisha, u li l-preżentazzjoni tal-ispejjeż kienet qarrieqa, u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw miżuri adegwati biex jikkorreġu din

il-problema; jinnota, f’dan il-kuntest, li xi drabi r-regoli dwar l-eżempji rappreżentattivi ma jintużawx kif preskritt u li hemm il-ħtieġa ta’ titjib;

9. Jappella biex il-prattiki tal-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni jkunu ssorveljati strettament sabiex jiġi evitat li jkun hemm informazzjoni qarrieqa jew falza fir-reklamar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' ftehimiet ta' kreditu;

10. Jinnota li xi Stati Membri sfruttaw il-possibilità li jestendu l-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri prodotti finanzjarji oħra u dan jidher li ma wassalx għal inkonsistenzi fl-applikazzjoni;

11. Jenfasizza li d-dispozizzjonijiet legali għandhom jirriflettu l-prattika normali u l-bżonnijiet tal-konsumatur medju u tal-imprenditur medju, u ma għandhomx jirrappreżentaw reazzjoni għal numru żgħir ta’ abbużi mir-regoli, b’mod li l-informazzjoni provduta lill-konsumatur tkun tiftiehem inqas u ssir inqas trasparenti u komparabbli;

12. Jinnota li kwantità akbar ta’ dispożizzjonijiet komprensivi ma twassalx awtomatikament għal livell aktar effettiv ta’ ħarsien tal-konsumaturi u li ammont eċċessiv ta’ informazzjoni, speċjalment f’każ ta’ konsumaturi mingħajr esperjenza, jista’ aktar ifixkel milli jgħin; jirrikonoxxi, f’dan ir-rigward, l-għarfien, l-assistenza u l-edukazzjoni finanzjarja provduti mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u r-rwol potenzjali tagħhom fir-ristrutturar tal-kreditu f’isem il-familji li jinsabu f’diffikultà;

13. Jappella biex il-konsumaturi jkollhom dritt jiġu infurmati dwar l-ispejjeż tas-servizzi awżiljarji u dwar id-dritt tagħhom li jixtru servizzi awżiljarji bħal assigurazzjoni mingħand fornituri alternattivi; iqis li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandu jkollhom l-obbligu li jagħmlu distinzjoni bejn tali servizzi u l-ispejjeż relatati u dawk li jappartjenu għas-self bażiku, u li jiċċaraw liema servizzi huma essenzjali għall-estensjoni tas-self u liema huma għal kollox fid-diskrezzjoni ta’ min jissellef;

14. Jikkunsidra li jeħtieġ li jkunu eżaminati b’attenzjoni d-diffikultajiet li jistgħu jirriżultaw f’rabta mal-eżerċitar tad-dritt ta’ rtirar f’każ ta’ kuntratti konnessi; jenfasizza l-importanza li l-konsumaturi jiġu sensibilizzati li, jekk jeżerċitaw id-dritt ta’ rtirar minn kuntratt fejn il-fornitur jew il-fornitur tas-servizz jirċievu l-ammont rispettiv tal-ħlas b’mod dirett mill-fornitur tal-kreditu permezz ta’ kuntratt anċillari, m’għandu jkun hemm l-ebda ħlasijiet, kummissjonijiet jew spejjeż għall-konsumaturi fir-rigward tas-servizz finanzjarju provdut.

15. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa sa fejn jasal in-nuqqas ta’ konformità mal-obbligi ta’ informazzjoni fil-kuntratti fejn l-intermedjarji mhumiex marbuta b’rekwiżiti ta’ informazzjoni prekuntrattwali, sabiex jiġi stabbilit kif l-aħjar jitħarsu l-konsumaturi f’tali sitwazzjonijiet;

16. Huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni speċjali għar-regoli kumplessi li jirregolaw il-ħlas lura bikri;

17. Jiddikjara li qabel ma jkun hemm tibdil fir-rati tal-imgħax, in-notifika lill-konsumaturi għandha tħallilhom biżżejjed żmien biex jistudjaw is-suq u jibdlu l-fornitur tal-kreditu qabel ma jiġi effettwat it-tibdil;

18. Jinnota li jeħtieġ ikun hemm titjib fl-interpretazzjoni tal-espressjoni "eżempju rappreżentattiv";

19. Jenfasizza li għandha tkun garantita metodoloġija uniformi tal-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti, għandhom ikunu ċċarati l-punti ambigwi u tiġi żgurata l-koerenza mal-istrumenti legali l-oħra kollha;

20. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li s-superviżuri nazzjonali jingħataw is-setgħat u r-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettqu l-obbligi tagħhom; jistieden ukoll lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jissorveljaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva u biex jinfurzawhom b'mod effikaċi;

21. Jenfasizza li, fil-futur, waqt l-istipular tal-iskadenzi tat-traspożizzjoni, għandhom jitqiesu aktar tali emendi fil-liġi nazzjonali li l-proċess ta' traspożizzjoni jġib miegħu;

22. Jistieden lill-Istati Membri jestendu l-livell attwali tal-ħarsien tal-konsumaturi għall-krediti, inklużi krediti għal żmien qasir, provduti fuq l-internet, permezz ta' servizzi ta' messaġġi qosra jew midja oħra ta' komunikazzjoni fuq distanza, li qed isiru fattur dejjem aktar frekwenti tas-swieq tal-kreditu għall-konsumaturi, u li jinvolvu ammonti li ma jaqbżux il-valur limitu minimu ta' EUR 200, li fil-preżent huma barra mill-ambitu tad-Direttiva;

23. Jenfasizza li fil-preżent m'hemmx raġunijiet għal reviżjoni tad-Direttiva, iżda minflok wieħed għandu jieħu ħsieb li d-Direttiva tiġi implimentata u infurzata korrettament;

24. Huwa tal-fehma li, b'referenza għal traspożizzjoni sħiħa u korretta, wieħed għandu jistenna u jivvaluta l-impatt effettiv u konkret tad-Direttiva qabel ma l-Kummissjoni tipproponi xi emendi meħieġa; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' valutazzjoni lill-Parlament u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u valutazzjoni sħiħa tal-impatt tagħha relatat mal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u l-qafas legali l-ġdid tal-UE għas-servizzi finanzjarji;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumaturi għandha żewġ għanijiet: Il-livell għoli ta' ħarsien tal-konsumaturi u l-infurzar tas-suq intern u transkonfinali tal-krediti għall-konsumaturi.

M'hemmx dubju li permezz tal-armonizzazzjoni kompluta ta' xi partijiet essenzjali tal-liġi tal-kreditu, il-livell ta' ħarsien tal-konsumaturi fl-Ewropa żdied konsiderevolment. Iż-żieda fit-teħid tal-kreditu għall-konsumaturi transkonfinali tidher li hija pjuttost marġinali. Dan jista' jkun minħabba l-fatt li ftit istituzzjonijiet finanzjarji jipproponu krediti transkonfinali għall-konsumaturi u peress li ġeneralment, minħabba l-kriżi finanzjarja, is-suq kien qed jonqos dawn l-aħħar snin.

Minbarra dan, l-ostakoli tal-akkwist transkonfinali ta' kreditu għall-konsumaturi joriġinaw minn problemi lingwistiċi jew min-nuqqas ta' kuntatt personali mal-istituzzjoni finanzjarja u mhux milli aspetti legali.

<u>Punti differenti li għandhom jiġu eżaminati fl-ambitu tar-reviżjoni:</u>

1.Il-perjodu ta' traspożizzjoni:

Ċerti Stati Membri ttrasponew id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva, jew uħud minnhom, b'dewmien. Ir-raġuni ewlenija għal dan id-dewmien kien iż-żmien qasir ta' sentejn tal-perjodu ta' traspożizzjoni u d-daqs tar-regolament konċernat. Kellhom jiġu modifikati jew introdotti diversi miżuri f'setturi differenti bħal dawk tal-ħarsien tal-konsumaturi, id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-kreditu, l-aċċess għall-bażijiet tad-data, eċċ. Dawn il-proċeduri huma kumplessi ħafna u jikkonċernaw kemm il-leġiżlaturi nazzjonali u wkoll l-istituzzjonijiet finanzjarji. Ikun opportun jekk jiġi previst aktar żmien u jekk il-perjodu tat-traspożizzjoni jiġi ffissat għal tliet snin.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni:

Bosta Stati Membri estendew il-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti finanzjarji oħra, pereżempju għall-krediti ipotekarji jew il-kuntratti ta' kera jew ta' "leasing". Dan, madankollu, ma jidhirx li jwassal għal diffikultajiet.

3. Ir-reklamar:

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reklamar, l-Istati Membri użaw possibilitajiet differenti ta' traspożizzjoni. Il-mistoqsija dwar x'wieħed għandu jifhem eżatt b''eżempju rappreżentattiv' wasslet għal ċertu problemi.

Fl-2011, il-Kummissjoni iċċekkjat 562 sit tal-internet tal-krediti għall-konsumaturi (SWEEP). Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li 46% tas-siti li ġew kontrollati ħallew barra informazzjoni obbligatorja fir-reklamar tagħhom, 43% ħallew barra informazzjoni ċara fl-offerta tal-kuntratt rigward l-ispejjeż ġenerali, id-dewmien tal-kuntratt u l-ispejjeż marbuta mal-kreditu, u 20% ppreżentaw l-ispejjeż tagħhom b'mod qarrieq. Fil-fażi attwali tal-eżekuzzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali qed jikkuntattjaw l-impriżi, jitlobu spjegazzjoniet u

jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet.

4. L-informazzjoni prekuntrattwali

Id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni prekuntrattawali li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumatur fuq formularju standard, ġew armonizzati b'mod komplut. It-trapożizzjoni fil-liġi nazzjonali saret b'mod litterali, f'ċertu każijiet, jew permezz ta' titjib u adattamenti lingwistiċi.

Ċerti Stati Membri ddubitaw dwar l-effikaċja tal-fuljett informattiv standard. Huma dehrilhom li l-informazzjoni kienet estensiva wisq, diffiċli biex tiftiehem u ċerti drabi teknika żżejjed, li spiss iwassal biex jirrita l-konsumatur. Minbarra dan, huwa dubjuż jekk dan jikkostitwixxix strument adegwat biex iqabbel il-krediti ta' fornituri differenti. Wieħed għandu jinnota wkoll li l-provvista tal-fuljett informattiv standard żiedet l-ispejjeż tal-fornituri tal-kreditu, li jirrifletti fuq l-ispejjeż tal-kreditu.

5. L-informazzjoni kontrattwali

Is-sistema l-ġdida komprensiva ma' wasslitx għal problemi magħrufin fit-traspożizzjoni.

6. Id-dritt ta' rtirar

Id-dritt ta' rtirar, li diġà kien jeżisti f'uħud mill-Istati Membri, ġie introdott b'mod uniformi u komplut. Hemm diffikultajiet dwar il-mistoqsija rigward meta jibda jaħdem id-dritt ta' rtirar. Ċerti Stati Membri pprevedew li d-dritt ta' rtirar ma jibdiex jaħdem qabel perjodu ta' riflessjoni jew li n-nuqqas tal-informazzjoni kontrattwali ddewwem id-dritt ta' rtirar. Minbarra dan, kien hemm dubji dwar jekk id-dritt ta' rtirar jistax jiġi eżerċitat biss wara r-rimbors tal-kreditu.

7. Ir-ripagament bikri:

Safejn nafu aħna, it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet relattivi għar-ripagament bikri ma rriżultatx f'diffikultajiet kbar. F'ċerti Stati Membri, li qabel ma kinux ipprevedew il-kumpens tal-fornitur tal-kreditu, ġie ikkritikat il-fatt li dan il-kumpens iwassal għal tnaqqis fil-livell ta' ħarsien tal-konsumatur.

8. Il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti

Id-dispożizzjonijiet għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti ġew kompluti fl-2011 fil-qafas tal-proċedura tal-komitoloġija. Minkejja dan, jidher li għad hemm dubji f'xi każijiet partikolari.

Il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida dwar is-suġġett, li madankollu m'għandhom l-ebda forza ġuridika bħal m'għandha liġi.

Jidher li huwa mixtieq li d-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tar-'rata perċentwali annwali tal-imposti' jiġu applikati b'mod identiku għall-istrumenti ġuridiċi Ewropej kollha.

9. Spjegazzjonijiet:

L-Istati Membri ttrasponew b'diversi modi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(6) dwar l-ispjegazzjonijiet li għandhom jingħataw b'mod obbligatorju lill-konsumaturi. Ċerti Stati Membri jikkonkretizzaw dan l-obbligu permezz ta' elenkar tal-miżuri individwali speċifiċi. L-Awstrija, pereżempju, prevediet regola partikolari li timponi li jiġu enfasizzati r-riskji f'każ ta' kreditu b'munita barranija.

10. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja:

L-Istati Membri ttrasponew b'diversi modi l-obbligu tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Xi Stati Membri kkonkretizzaw il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u pereżempju, obbligaw il-konsultazzjoni tal-bażi tad-data. Xi Stati Membri jħallu l-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżiti ġewx sodisfatti f'idejn il-qrati.

11. Il-krediti SMS:

Id-domanda għal krediti SMS dejjem qed tiżdied; Għalhekk, dan it-tip ta' kreditu ma jiġix propost biss fil-pajjiżi Skandinavi iżda wkoll fir-Renju Unit u fl-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant. L-Istati Membri jiġu mitluba jiddedikaw attenzjoni partikolari lil din il-problema u li jieħdu ħsieb il-ħarsien effikaċi tal-konsumaturi. F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiż u jekk ikun hemm bżonn għandhom jittieħdu miżuri li jmorru 'lil hinn mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumaturi.

12. Konklużjoni

Il-Kummissjoni għandha tivverfika t-traspożizzjoni u tinsisti dwar l-applikazzjoni korretta fl-Istati Membri. Imbagħad, il-partijiet interessati għandhom jingħataw żmien biex jadattaw ruħhom għar-regoli l-ġodda u jakkwistaw l-esperjenza. Finalment għandha ssir valutazzjoni fil-fond tal-impatt tad-Direttiva mill-aspett legali u dak prattiku, qabel ma jitfasslu l-modifiki tad-Direttiva abbażi ta' din il-valutazzjoni.

8.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu tal-Konsumatur 2008/48/KE (2012/2037(INI))

Rapporteur: Theodor Dumitru Stolojan

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– billi d-Direttiva 2008/48/KE[1] dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur ġiet approvata qabel il-kriżi finanzjarja;

– billi f'għadd ta' Stati Membri l-kreditu eċċessiv tal-konsumatur ikkontribwixxa għall-kriżi;

– billi s-self eċċessiv f'munita barranija lill-konsumaturi żied ir-riskju u t-telf imġarrab mill-familji;

– filwaqt illi jenfasizza l-importanza tar-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-21 ta' Settembru 2011 dwar is-self f'munita barranija (ESRB/2011/1);

1. Jitlob lill-awtoritajiet ta' sorveljanza jitolbu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu lill-konsumaturi informazzjoni personalizzata, kompleta u li tinftiehem faċilment fir-rigward tar-riskji involuti fis-self f'munita barranija u l-impatt fuq ħlasijiet bin-nifs ta' deprezzament qawwi fil-valuta legali tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat konsumatur u ta' żieda fir-rata tal-imgħax barrani; jikkunsidra li din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-reklamar li jikkonċerna l-ftehim ta' kreditu tal-konsumatur f'munita barranija, f'informazzjoni prekuntrattwali, u fi ftehim ta' kreditu tal-

[1] ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

konsumatur;

2. Jitlob li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom l-obbligu li, fi żmien kmieni biżżejjed qabel ma l-konsumatur jintrabat bi kwalunkwe ftehim jew offerta ta' kreditu, jipprovdu lill-konsumaturi l-informazzjoni personalizzata meħtieġa biex iqabblu l-krediti li jkunu disponibbli fis-suq, jivvalutaw l-implikazzjonijiet tagħhom u jieħdu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludux ftehim ta' kreditu;

3. Jitlob li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom l-obbligu li jwissu lill-konsumaturi kull meta, b'konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur, ftehim ta' kreditu jista' jinvolvi riskju speċifiku għall-konsumatur;

4. Jistieden lill-awtoritajiet superviżorji jimmoniterjaw mill-qrib ir-riskji ta' finanzjament u likwidità li jirriżultaw mis-self f'munita barranija, jieħdu azzjoni biex jipprevjenu r-riskji eċċessivi u li jeżiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom iffissar effettiv tal-prezzijiet, allokazzjoni tal-kapital u sistemi tal-immaniġġjar tal-likwidità biex jittrattaw self f'munita barranija u sabiex iqisu l-kapaċità tal-konsumatur li jiflaħ għal varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju meta jkunu qed jivvalutaw is-solvenza ta' konsumatur; jistieden lill-Istati Membri jesiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jippermettu lill-konsumaturi jikkonvertu s-self f'munita adegwata, skont metodu trasparenti magħruf lill-konsumatur f'informazzjoni prekuntrattwali, u li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu faċilità ta' hedging fuq il-kambju tal-muniti bi spiża raġonevoli għall-konsumaturi biex jillimitaw ir-riskju ta' varjazzjonijiet ta' munita negattivi fuq ir-ripagamenti;

5. Jitlob li ssir reviżjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mar-rata perċentwali annwali ta' imposta fid-Direttiva 2008/48/KE biex jirriflettu b'mod aktar adegwat il-karatteristiċi ta' self f'munita barranija u b'rata varjabbli;

6. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jagħtu attenzjoni speċjali meta jagħtu self b'terminu ta' żmien itwal minn ħames snin biex jiżguraw li jkun fl-aħjar interessi tal-konsumatur ikkonċernat;

7. Jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji ma jipprovdux kreditu tal-konsumatur li jkun ipotekat bid-dar tal-konsumatur meta l-konsumatur ma jkollux paga jew salarju adegwat u biex jagħtu biss kreditu tal-konsumatur meta s-solvibilità tal-konsumatur tkun ġiet iddeterminata – u, meta jkun il-każ, tkun inkisbet garanzija adegwata – sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell adegwat ta' riskju kemm għall-konsumatur kif ukoll għall-fornitur;

8. Jitlob biex il-konsumaturi jkollhom dritt jiġu infurmati dwar l-ispejjeż tas-servizzi awżiljarji u dwar id-dritt tagħhom li jixtru servizzi awżiljarji bħal assikurazzjoni mingħand fornituri alternattivi; iqis li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandu jkollhom l-obbligu li jagħmlu distinzjoni bejn tali servizzi u l-ispejjeż relatati u dawk li jappartjenu għas-self bażiku u li jiċċaraw liema servizzi huma essenzjali għall-estensjoni tas-self u liema huma għal kollox fid-diskrezzjoni ta' min jissellef;

9. Jinnota li wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva huwa li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-informazzjoni, fejn il-funzjonament tas-suq intern jiġi promoss ukoll permezz tal-għoti ta’ self, sabiex jiġi evalwat jekk jiżdiedx in-numru ta’ ftehimiet ta’ self transkonfinali u jekk huwiex meħtieġ aktar titjib;

10. Jitlob sabiex il-prattiki tal-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni jkunu mmoniterjati strettament sabiex jevitaw li jkun hemm informazzjoni qarrieqa jew falza fir-reklamar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' ftehimiet ta' kreditu;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport ta’ valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u valutazzjoni sħiħa tal-impatt tagħha relatat mal-protezzjoni tal-konsumatur waqt li jitqiesu l-konsegwenzi mill-kriżi finanzjarja u l-qafas legali ġdid tal-UE għas-servizzi finanzjarji;

12. Jitlob għal reviżjoni tad-Direttiva 2008/48/KE bil-għan li din u d-Direttiva CARRP jiġu integrati f'Direttiva waħda.

RESULT OF FINAL VOTE IN COMMITTEE

Date adopted	7.6.2012
Result of final vote	+: 38 –: 0 0: 0
Members present for the final vote	Elena Băsescu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain
Substitute(s) present for the final vote	David Casa, Philippe De Backer, Vicky Ford, Robert Goebbels, Olle Ludvigsson, Marisa Matias, Gianni Pittella, Andreas Schwab, Theodoros Skylakakis, Emilie Turunen
Substitute(s) under Rule 187(2) present for the final vote	Robert Sturdy

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.10.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Vicente Miguel Garcés Ramón, Louis Grech, Mikael Gustafsson, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Gesine Meissner, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Gino Trematerra, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Ildikó Gáll-Pelcz, María Irigoyen Pérez, Olle Schmidt, Olga Sehnalová, Kyriacos Triantaphyllides, Kerstin Westphal